**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 3 ta' Novembru 2021**

**Rikors nru: 163/2021 AGV**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB tas- 27 ta' Awwissu 2021, fejn esponiet bir-rispett;**

1. **Illi** l-attrici pprezentat proceduri gudizzjarji intizi sabiex tkun pprunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet filwaqt li tigi ukoll terminata l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom, fost talbiet ohrajn.
2. Illi z-zwieg tal-partijiet tfarrak irrimedjabilment u minbarra li hija m' ghandha l-ebda vizibilita' u / jew kontroll tal-obbligi li qed jassumi l-

intimat, hija ukoll tixtieq tkun f' posizzjoni li taministra ahjar l-parafernali taghha.

3. Illi l-partijiet huma impjegati is-settura tal-edukazzjoni u t-tnejn li huma ghandhom l-impjieg u d-dhul taghhom indipendentament minn xulxin , fil-fatt ilhom snin jamminstraw d-dhul taghhom b' mod indipendenti.
4. Illi l-partijiet ma ghandhom ebda propjeta' in komuni bejniethom.
5. Illi ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghalfejn il-komunjoni tal-akkwisti ghandha tissusisti bejniethom.

Ghladaqstant, l-esponenti, ghar-ragunijiet premessi u ohrajn titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgboha tiddikjara;

1. Terminazzjoni mmedjata tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti, bejn il-partijiet;
2. Illi r-regim applikabbli bejn il-parijiet minn issa 'l quddiem ghandu jkun dak tas-seperazzjoni tal-assi.

Salv kull provvediment iehor xieraq u opportun.

Il-Qorti rat in-nota ta' CB datata 16 ta' Settembru 2021, li permezz taghha qed jinforma lil dina Onorabbli Qorti, li huwa qed jaqbel mat-talbiet tal-attrici u ma jsibx oggezzjoni sabiex ikun hemm it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u minflok ikun hemm is-separazzjoni tal-assi.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti, b'dan li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza

L-ispejjez ghandhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony  G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**